MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1354/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**VS**
**DANIEL SALIBA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Daniel Saliba ta’ 19 -il sena bin Paul u Elizabeth nee’ Bonello imwieled il-Pieta fis-7 t’April 1991,residenti gewwa Eglatine Court, Flat 1, Triq Moroni Sliema,detentur ta’ karta tal-identita’ bi numru 207691 M

Akkuzat talli:

Akkuzat talli fix-xahar t’ Ottubru 2010 u fix-xhur u snin ta’ qabel, gewwa ta’ Sliema u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew

maghmulin b'rizoluzzjoni wahda gbidt jew ippermettejt li jingibed xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta' , jew ipproducejt, qassamt, xerridt, importajt, esportajt, offrejt, bieghejt, trasmettejt jew urejt xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawk cioe anka persuni li m'ghalqux l-eta' ta' disgha snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl- imputat;

Rat il-verbal tal-18 ta'Lulju, 2011 fejn l-imputat ma sabx ogezzjoni li jigu gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Daniel Saliba** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat that Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin(3) , taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat. Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht *Treatement Order*, taht il-psikologa Roberta Holland ghall- perjodu ta' tlett snin (3), b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland. Id-Direttur tal-*Probation Services* u Dr Roberta Holland ghandhom jinfurmaw lill-Qorti permezz ta' rapport bil-miktub bil-progress o meno ta' l-imputat, kull erba' xhur.

In oltre', l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard drives li kienu jikkontjenu l-materjal pronografiku illi gew elevati u ezebiti mill-prosekuzzjoni f'dawn l-atti.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa netta u in vista tal-rezultanzi tar-rapporti Dok SD u SD1 mill-Pulizija tas-Cyber Crime Unit illi juru illi l-imputat kien inizjat f'dan il-vizzju, kif jidher anki mill-klassifikazzjoni tal-livelli tal-pornografija tat-tfal .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------